***Ruling*** **mogħti mill-Ispeaker f'Seduta 326 tal-5 ta' Mejju 2020 dwar lment ta' rappurtaġġ skorrett fil-*media***

Fis-seduta tal-bieraħ, 4 ta' Mejju 2020, l-Onor. David Agius talab lis-Sedja tagħti *ruling*, u nikkwota:

> "**ONOR. DAVID AGIUS:** Sur President, xtaqtek jekk jogħġbok tara u tagħti *ruling* min-naħa tiegħek ta' dak li deher fuq *One News* datat 30 ta' April, fejn hawn miktub hekk:
>
> > "David Agius ma jindunax li l-PM qed jikkwota mill-mozzjoni li ressqet l-Oppożizzjoni stess".

L-Onor. David Agius kompla jikkwota minn dak li deher fuq *One News*:

> "...id-Deputat Nazzjonalista David Agius talab lill-Parlament sabiex il-Prim Ministru jippreżenta dokument li kkwota minnu waqt l-indirizz tiegħu fil-Parlament.
>
> Madankollu kellu jkun il-Prim Ministru Robert Abela stess li ġibidlu l-attenzjoni li huwa kien għadu kif ikkwota mill-istess mozzjoni li tressqet mill-Oppożizzjoni ssekondata mill-istess David Agius."

Wara li kkwota dak li ġie rrappurtat minn *One News* l-Onor. David Agius imbagħad qal hekk:

> "**ONOR. DAVID AGIUS:** Għandi hawnhekk quddiemi t-*transcript* ta' x'qal il-Prim Ministru fid-diskors tiegħu. Fid-diskors tiegħu l-Prim Ministru qal hekk:
>
> > "Din hija l-pożizzjoni ta' Steward, iva, jekk jgħidu li jkunu xi raġunijiet ta' terminazzjonijiet tal-kuntratt, jekk se mmorru għal deċiżjoni tal-kuntratt li huma qed jgħidu li għandhom jirċievu €100 miljun mingħand il-Gvern."
>
> Aħna qed nimxu u nagħtu interpretazzjoni kuntrarja lil din il-klawsola. Jien imbagħad tlabt lis-Sedja biex kif inhija l-ordni ta' din il-Kamra, ipoġġi minn dak li jkun qed jikkwota. Hawnhekk is-Sedja wieġbet:
>
> > "**L-ISPEAKER:** Ippermettili, se niddeċiedi. Il-Prim Ministru smajt li qed jagħmel referenza u ma għamel l-ebda kwotazzjoni. Kompli bid-diskors. Agħmel referenza, m'hemmx għalfejn tpoġġi d-dokument."

L-Onor. David Agius imbagħad wieġeb hekk:

> > "**ONOR. DAVID AGIUS:** Hawnhekk huwa ċar li qed jirreferi għall-kuntratt. Nitlob li s-Sedja tieħu *ruling* fuq dan is-suġġett."

Is-Sedja mbagħad talbet lill-Onor. Agius jgħaddilha d-dokumenti relattivi u qalet li ser tkun qiegħda tagħti *ruling* f'seduta oħra.

Is-Sedja rat it-traskrizzjoni biex tara eżatt x'ġara dakinhar tas-seduta msemmija u waqt li kien qiegħed jitkellem l-Onorevoli Prim Ministru, fost affarijiet oħra huwa qal hekk:

"**ONOR. ROBERT ABELA:** Sur President, dak li se nitħaddet dwaru llejla mhux se jikkondizzjona d-deċiżjoni finali li jrid jieħu l-Gvern. Aħna sal-lum konna ċari ħafna fil-pożizzjoni tagħna; dejjem għedna li wara t-12 ta' Jannar erfajna r-responsabbiltà, anzi ħtarna kumitat sabiex jagħmel reviżjoni tal-ftehim dwar l-isptarijiet tagħna, dak il-kumitat beda jiltaqa' mill-ewwel, għamilna evalwazzjoni sħiħa u mxejna 'l quddiem minn hemmhekk. Illum iżda saret mozzjoni li warajha hemm l-intenzjoni ta' ħsara lill-interess nazzjonali. Mhux l-ewwel darba; imdorrijin b'dawn it-tip ta' mozzjonijiet mill-Oppożizzjoni. U se nispjega għala din hija mozzjoni li tagħmel ħsara lill-interess nazzjonali. Kważi kważi, meta qrajt din il-mozzjoni fhimt li l-Oppożizzjoni saret l-Avukat ta' Steward Health Care għaliex qed tagħmel argument f'din il-mozzjoni, anzi mhux qed tagħmel argument qed tqis xi ħaġa bħala stat ta' fatt! Qed tgħid li jekk il-Gvern imur fid-direzzjoni li jħassar il-ftehim – u l-Oppożizzjoni qed tgħid li l-Gvern għandu jħassar il-ftehim – allura l-Gvern irid iħallas €100 miljun lil Steward Health Care, tkun xi tkun ir-raġuni, qed tgħidilna l-Oppożizzjoni. U se naqra ħalli ħadd ma jgħidli li qed nikkwota ħażin. Fit-tielet paragrafu tal-mozzjoni qed issir referenza għall-ftehim datat 27 ta' Awwissu 2019 u qed tgħid:

> "...dan il-ftehim qed jobbliga u jorbot lil kwalsijasi Gvern Malti minn Awwissu 2019 'il quddiem biex iħallas lill-operatur privat tat-tliet sptarijiet pubbliċi f'Malta u Għawdex minn but il-poplu Malti s-somma ta' €100 miljun biex jieħu lura dawn it-tliet sptarijiet pubbliċi, ikunu xi jkunu r-raġunijiet."

Il-Prim Ministru kompla hekk:

> "**ONOR. ROBERT ABELA:** Dan x'qed tgħid l-Oppożizzjoni. Aħna bħala Gvern dejjem ħadna l-pożizzjoni ma' Steward Health Care li dan mhuwiex minnu. Din hija l-pożizzjoni ta' Steward. Iva, hekk jgħidu, li jkunu xi jkunu r-raġunijiet għat-terminazzjoni tal-kuntratt, jekk se mmorru għar-rexissjoni tal-kuntratt, huma qed jgħidu li għandhom jirċievu €100 miljun mingħand il-Gvern.
>
> Aħna qed nimxu u nagħtu interpretazzjoni kuntrarja lil din il-klawsola. Imma llum Steward Health Care għandhom l-aqwa avukat tagħhom li inzertat hija l-Oppożizzjoni u ibqa' ċert u żgur li meta l-ġimgħa d-dieħla se nkomplu bit-taħdidiet ma' Steward Health Care, se jgħidulna bħala waħda mill-ewwel kondizzjonijiet … (Interruzzjonijiet) David ippermettieli ħa nibqa' għaddej, ma interrompejtkomx …"

Hawnhekk l-Onor. David Agius qajjem *point of order* u s-Sedja talbitu jgħid x'inhu l-*point of order*. L-Onor. David Agius qal hekk:

> "**ONOR. DAVID AGIUS:** Il-Prim Ministru qiegħed jikkwota minn xi ħaġa; kuntratt. Meta jikkwota minn xi ħaġa hija regola ta' din il-Kamra li jgħidilna minn fejn qiegħed jikkwota u jpoġġih fuq il-Mejda tal-Kamra. (Interruzzjonijiet) Sur President, qed nitolbok biex inti titolbu jpoġġih fuq il-Mejda tal-Kamra."

Hawnhekk is-Sedja b'mod immedjat qalet hekk:

> "**L-ISPEAKER:** Ippermettili. Jien se niddeċiedi. Il-Prim Ministru smajtu, kien qiegħed jagħmel referenza, m'għamel l-ebda kwotazzjoni ... Kompli bid-diskors. Għamel referenza, m'hemmx għalfejn tpoġġi d-dokument. Hemm ir-*ruling*. Kompli Prim Ministru."

Kien hawnhekk imbagħad li l-Prim Ministru qal hekk:

> "**ONOR. ROBERT ABELA:** Sur President, dan l-intervent li għadu kif għamel l-Onor. David Agius juri kemm hu mnalla li l-Oppożizzjoni mhix qed tmexxi l-Gvern f'dan il-mument! Għaliex qed jgħidli li qed naqra mill-kuntratt u mhux jirrealizza li qed naqra mill-mozzjoni tagħhom stess!"

Dan huwa d-diskors li sar u li għamel referenza għalih l-Onor. David Agius fit-talba tiegħu għal *ruling* u dak li ġie rrapportat fil-*One News* bil-filmat fejn it-titolu kien "David Agius ma jindunax li l-PM qed jikkwota mill-mozzjoni li ressqet l-Oppożizzjoni stess."

Fil-kunsiderazzjoni tagħha s-Sedja rat li kienet hija stess li tat diversi *rulings* meta saru lmenti f'każijiet simili, fosthom dawk mogħtija f'Seduta 111 tal-14 ta' Mejju 2018, f'Seduta 57 tas-27 ta' Novembru 2017 u f'Seduta 170 tal-20 ta' Novembru 2018. Is-Sedja rat ukoll id-direzzjoni li timxi magħha b'mod regolari l-House of Commons tar-Renju Unit, li aħna nsegwu bl-applikazzjoni tal-i*Standing Order* 197 tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra li jgħid li f'każijiet mhux regolati b'dawk l-Ordnijiet Permanenti, wieħed għandi jirrikorri għar-regoli, modi, użani u drawwiet tal-House of Commons tal-Parlament tar-Renju Unit. Għalhekk, is-Sedja rat ukoll dak li jgħid l-*Erskine May, Parliamentary Practice (24 Edition)* f'dan ir-rigward. Fil-fatt, f'paġna 226, fuq deċiżjoni li kien ta Lord Denning, Master of Rolls (MR), fil-kawża Cook v Alexander tal-1973, jingħad hekk:

> *"Lord Denning MR observed that 'fairness in this regard means a fair presentation of what took place as it impressed the hearers. It does not mean fairness in the abstract between [the plaintiff] and those who were attacking him."*

Imbagħad f'paġna 259 tal-istess *Erskine May* jingħad hekk:

> *"... the Speaker has ruled that deliberate or reckless misrepresentation of the House's proceedings remains a contempt and is unlikely to attract qualified privilege in the courts."*

Għalhekk, it-test li għandha tagħmel is-Sedja f'dan ir-rigward huwa jekk dak li ġie rrapportat fil-*media* – f'dan il-każ minn *One News* – jammontax għal rapport falz jew mgħawweġ ta' xi dibattitu fil-proċediment tal-Kamra. Dan qed ngħidu peress li s-Sedja fost ir-*rulings* li tat, kif ċitati aktar kmieni, kienet qalet illi għalkemm m'hemmx dubju li l-Ordnijiet Permanenti huma siekta fuq din il-materja – u għalhekk is-Sedja qed tagħmel ukoll referenza għal dak li ġie segwit fil-House of Commons – joħroġ l-obbligu li kull gazzetta, jew mezz tal-*media*, għandha li tirrapporta fedelment u korrettement dak kollu li jiġri fil-Parlament u li rappurtaġġ skorrett jista' jikkostitwixxi disprezz tal-Parlament.

Is-Sedja hawnhekk tagħmel referenza għall-paragrafi (j) u (k) tal-artikolu 11(4)2 tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 113) u tikkwota b'mod partikolari l-paragrafu (k) li jgħid li huwa reat kontra dan l-Att:

> "... il-pubblikazzjoni volontarja jew bi traskuraġni ta' xi rapport falz jew mgħawweġ ta' xi dibattitu jew proċedimenti tal-Kamra jew ta' xi Kumitat tagħha."

Minn hawn joħroġ ċar li jrid ikun hemm l-intenzjoni. Fil-fatt, meta wieħed jara x'qalet is-Sedja meta għamlet referenza għall-*Code of Journalistic Ethics* maħruġ mill-Malta Press Club, isib

li taħt l-artikolu 4 jiġu elenkati dawk il-każijiet fejn huwa kkonsidrat li jkun hemm ksur tal-komportament etiku, fosthom:

> "*d. Whenever it is established that a significant inaccuracy, misleading statement or distorted report has been published and no prompt and prominent correction is made*."

Is-Sedja tagħmel ukoll referenza għar-*ruling* mogħti mill-Ispeaker Michael Frendo fis-Seduta 250 tal-5 ta' Lulju 2010, li kien jittratta talba għal ksur ta' privileġġ in konnessjoni ma' lment dwar rappurtaġġ f'gazzetta partikolari. F'dan ir-*ruling* jingħad illi s-Sedja:

> "... trid tara jekk ir-rappurtaġġ tal-ġurnali u tat-televizjoni indikati kienx jaqa' fl-isfera leġittima ta' espressjoni ħielsa u libertà tal-istampa jew jekk, *ai termini* tal-Ordinijiet Permanenti tal-Kamra u tal-Ordinanza fuq indikata,

– hawnhekk qed nirreferu għal dak li s-Sedja għadha kif irrapporat dwar l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati –

> … kienx hemm l-elementi neċessarji li jikkonstitwixxu *prima facie* ksur ta' privileġġ."

Fil-fatt, is-Sedja għamlet dan l-eżerċizzju u mill-qari tat-traskrizzjoni kif ikkwotata aktar kmieni, wieħed jista' jara immedjatament li wara li l-Onor. David Agius qal illi l-Prim Ministru kien qiegħed jikkwota minn xi dokument, is-Sedja qalet li dan kien qiegħed jagħmel biss referenza u mhux jikkwota minn l-ebda dokument. Is-Sedja għamlet hekk peress li anke wara li rat il-mozzjoni kif imressqa mill-istess Onor. David Agius flimkien mal-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Adrian Delia u l-Onor. Karol Aquilina – liema mozzjoni kienet għad-diskussjoni fis-seduta tal-ġurnata tal-Ħamis – tifhem li meta l-Prim Ministru qal li qed jikkwota mit-tielet paragrafu tal-mozzjoni, is-Sedja ħaditu li kien qiegħed jagħmel referenza, għaliex il-kwotazzjoni tikkonċerna preċiżament fuq dak li kien qiegħed jagħmel referenza għalih, ċjoè għall-ftehim tas-27 ta' Awwissu 2019 li jagħmel referenza għalih it-tielet paragrafu tal-mozzjoni:

> "U billi tali ftehim datat 27 ta' Awwissu 2019, li minbarra l-firma tal-Onor. Konrad Mizzi, hemm fuqu wkoll bħala garanti l-firma tal-Bank of Valletta, liema bank għandu eluf ta' azzjonisti Maltin, qed jobbliga u jorbot lil kwalsijasi Gvern Malti minn Awwissu 2019 'il quddiem biex iħallas lill-operatur privat tat-tliet sptarijiet pubbliċi f'Malta u Għawdex minn but il-poplu Malti s-somma ta' mitt miljun ewro (€100,000,000) biex jieħu lura dawn it-tliet sptarijiet pubbliċi, ikunu x'ikunu r-raġunijiet, anke wara kwalsijasi sentenza tal-qorti li tiddikjara l-kuntratt oriġinali tal-2015 bħala wieħed null."

Is-Sedja tifhem illi l-Onor. David Agius seta' kien qed jalludi għall-kuntratt innifsu ma' Steward Health Care, li fil-fatt ma kienet saret l-ebda kwotazzjoni minnu tul l-istess dibattitu u ċertament sal-mument meta l-istess Onor. David Agius ġibed l-attenzjoni tas-Sedja.

Għalhekk, meta s-Sedja qalet:

> "**L-ISPEAKER:** Il-Prim Ministru smajtu, kien qiegħed jagħmel referenza, m'għamel l-ebda kwotazzjoni",

kienet qed tfisser li ma kien qiegħed jagħmel l-ebda kwotazzjoni minn xi dokument ieħor barra l-mozzjoni li kienet qiegħda tiġi diskussa fil-Kamra dakinhar. Il-mozzjoni seta' jaqraha u jikkwotaha kollha għaliex kienet parti mill-proċeduri, kif kellu kull dritt li jagħmel, anke kif qal l-istess Prim Ministru.

Is-Sedja, wara li kif miltub mill-Onor. David Agius fis-seduta tal-bieraħ rat dan kollu, tiddeċiedi illi r-rapportaġġ li deher f'*One News* dwar dak li ġara fis-Seduta msemmija, ma kien fih l-ebda rappurtaġġ falz jew mgħawweġ ta' dak li seħħ fis-seduta inkwistjoni, u li huwa riflessjoni ta' dak li ġara fis-seduta msemmija waqt id-dibattitu fuq il-mozzjoni tal-Oppożizzjoni, u li dan huwa każ ċar li jaqa' wkoll fl-isfera leġittima ta' epressjoni ħielsa u libertà tal-istampa għal dak li ġie rapportat.

Ir-*ruling* huwa deċiż.